# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa, 25 ta’ Ottubru, 2023.**

**Numru 17**

**Rikors numru 225/19/1 TA**

**Sharon Farrugia**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, u b’digriet tal-24 ta’ Frar 2020 ġie kjamat fil-kawża Isslam Tawfik Issa Issa**

1. L-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim’Awla fis-16 ta’ Ġunju 2022 filwaqt li l-attriċi pproponiet appell inċidentali.

2. Fil-qosor il-fatti l-iktar rilevanti għall-appelli huma dawn:

i. Fit-18 ta' Lulju 2019 il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u l-Art. 37(2) tal-Kodiċi Ċivili.

ii. Fil-25 ta' Settembru 2019 l-imsejjaħ fil-kawża tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kien akkużat *inter alia* b'vjolenza domestika. L-imputat inżamm arrestat.

iii. Sa mill-ewwel seduta, l-attriċi kienet *parte civile*.

iv. B'digriet mogħti fil-31 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ċaħdet it-talba għall-ħelsien tal-arrest.

v. B'rikors preżentat fl-4 ta' Novembru 2019 fil-Qorti Kriminali, l-imputat reġa' talab il-ħelsien mill-arrest. B'digriet mogħti dakinhar il-Qorti ordnat notifika tar-rikors u digriet lill-Avukat Ġenerali bi dritt ta' tweġiba fi żmien 24 siegħa.

vi. Fis-6 ta' Novembru 2019 l-Avukat Ġenerali wieġeb u oppona t-talba, u *inter alia* spjega li kif xehdet l-attriċi, *".... l-imputat jbati minn fissazzjoni akuta fuq il-vittma, t-tifla tagħha u l-partner tal-vittma b'dan li teżisti biża' reali u serja li jekk l-imputat jingħata l-ħelsien mill-arrest*

*l-imputat jikkommetti reati oħra u jonqos minn li jobdi l-ordnijiet leġittimi ta' din l-Onorabbli Qorti"*.

vii. Ir-rikors kien appuntat għas-seduta tat-8 ta' Novembru 2019. Ma jirriżultax li l-attriċi kienet notifikata bir-rikors u lanqas b'dik is-seduta. Għas-seduta dehru biss l-imputat assistit minn avukat u avukat in rappreżentanza tal-Avukat Ġenerali.

viii. Fid-9 ta' Novembru 2019 il-Qorti Kriminali tat digriet li bih laqgħet it-talba tal-imputat u tatu l-ħelsien mill-arrest, b'waħda mill-kundizzjonijiet tkun *"Li ma javviċinax l-indirizz fejn tirrisjedi Sharon Farrugia flimkien ma' bintha tul dawn il-proċeduri kollha"*.

ix. Fil-11 ta' Novembru 2019 l-imputat ħareġ mid-detenzjoni.

x. Fid-19 ta' Novembru 2019 l-attriċi fetħet il-kawża tal-lum.

xi. Fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019 tkompla s-smigħ tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u r-rikorrenti u d-difensur tagħha kienu preżenti.

3. Fil-kawża li fetħet fid-19 ta' Novembru 2019 l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex:

***"1.** Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nuqqas ta' azzjoni immedjata u effettiva da parti tal-intimati kif hawn fuq premess tammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti taħt l-Artikoli 36, 39, u 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; l-Artikoli 3,6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem;*

***2.** Tagħti dawk ir-rimedji u direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tal-esponenti u tal-membri familjari tagħha jiġu salvagwardjati fis-sens premess u tikkundanna lill-intimati sabiex iwettqu tali rimedji fi żmien qasir u perentorju:*

***3.** Tillikwida kumpens in lineja ta' danni non-pekunjarji sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha kif premess u tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu l-istess fi żmien qasir u perentorju. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni".*

4. L-Avukat Ġenerali oppona t-talbiet permezz ta' tweġiba li ppreżenta fid-9 ta' Diċembru 2019, *inter alia* billi qal:

*"5. Illi dwar l-ilment li jirrigwarda nuqqas ta' notifika u informazzjoni dwar it-talba għal-ħelsien mill-arrest tal-akkużat u lanqas tas-seduta tas-smigħ quddiem il-Qorti Kriminali tat-8 ta' Novembru 2019 jingħad li l-esponent Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur u din il-kwistjoni kellha tiġi indirizzata semmai lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Kriminali)".*

5. B'sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022 l-Ewwel Qorti ddeċidiet:

***"Decide:***

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi ir-rikors bil-mod segwenti:*

***Tilqa' l-ewwel talba b'mod limitat** billi issib ksur tal-Artikoli 39(1) u 6(1) tal- Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament u tirriġettha inkwantu t-talba saret abbażi tal-artikoli l-oħra imsemmija tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.*

***Tilqa' it-tieni talba rikorrenti** billi tordna lill-Qorti Kriminali taċċerta li żżomm lir-rikorrenti infurmata b'kull smiegħ li jkun hemm fil-kawża kriminali kontra l- intimat Tawfik.*

> ***Tilqa' it-tielet talba*** *billi tillikwida bħala kumpens non pekunjarju, l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) li għandu jitħallas mill-intimat Avukat Ġenerali, li qiegħed jiġi hekk kkundannat biex iħallas dan l-ammont bl-imgħaxijiet legali minn din is- Sentenza sal-pagament effettiv.*
>
> *Spejjeż ta' dawn il-proċeduri a' karigu tal-Avukat Ġenerali".*

6. Fil-5 ta' Lulju 2022 l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza. Fil-11 ta' Awwissu 2022 wieġbet l-attriċi li pproponiet ukoll appell inċidentali. L-imsejjaħ fil-kawża ma weġibx għalkemm notifikat. Fis-seduta tal-24 ta' April 2023 dehru d-difensuri tal-partijiet li ddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu mal-atti u li l-appell jista' jitħalla għas-sentenza.

7. L-ewwel aggravju tal-Avukat tal-Ġenerali hu minħabba li fl-okkju tas-sentenza tniżżel Avukat tal-Istat minflok l-Avukat Ġenerali. Mill-atti ma jirriżultax li matul is-smigħ tal-kawża l-Ewwel Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju u lanqas ma saret xi talba f'dak is-sens. L-attriċi qalet li kien jidher li hemm żball ġenwin għaliex qatt ma saret talba sabiex l-Avukat tal-Istat jidher minflok l-Avukat Ġenerali. Kompliet li l-ilment huwa kontra l-operat tal-Avukat Ġenerali fil-kawża kriminali, u li ser toqgħod għall-ordni tal-Qorti dwar hemmx ħtieġa ta' korrezzjoni.

8. Hu fatt li fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti kkundannat lill-Avukat Ġenerali sabiex iħallas il-kumpens non-pekunarju ta' €3,000 u l-ispejjeż tal-kawża. L-Avukat tal-Istat issemma biss fl-okkju tas-sentenza.

9. Fiċ-ċirkostanzi tordna korrezzjoni fis-sentenza appellata fis-sens li fl-okkju tas-sentenza għandhom jitħassru l-kliem "L-Avukat tal-Istat" u jiġu sostwiti bil-kliem "L-Avukat Ġenerali".

10. Fit-tieni aggravju l-Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti injorat l-eċċezzjoni li mhuwiex il-leġittimu kontradittur, u f'dan ir-rigward għamel referenza ghall-ħames eċċezzjoni li ta fit-tweġiba fis-sens li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għal dik li għandha x'taqsam ma nuqqas ta' notifika u informazzjoni dwar it-talba għall-ħelsien mill-arrest tal-imputat, u lanqas tas-seduta tas-smigħ quddiem il-Qorti Kriminali tat-8 ta' Novembru 2019. Żied li l-Avukat Ġenerali m'għandu l-ebda obbligu jew responsabbiltà ta' notifika tal-*parte civile* u *semmai* l-obbligu kien fuq il-Qorti, u ma kellux kontroll fuq il-Qorti Kriminali. F'kull każ l-attriċi kellha interess li ssegwi x'qiegħed jiġri ġaladarba kienet qiegħda tipparteċipa fil-każ. Dan apparti li l-attriċi ma tistax tibbaża l-ilment tagħha fuq l-Art. 6 tal-Att dwar Vittmi ta' Kriminalità ġaladarba dak l-att daħal fis-seħħ bl-Att XVII tas-sena 2021, ċjoè ferm wara li l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest fit-8 ta' Novembru 2019.

11. Mill-mod kif irraġunat l-Ewwel Qorti u ddeċidiet l-Ewwel Qorti hu, li fil-proċess kriminali kienu qegħdin jiġu wkoll determinati drittijiet ċivili tal-attriċi u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni kienu japplikaw għaliha, u kellha kull dritt li tkun infurmata b'dak li għaddej fil-

kors tal-proċess kollu (ara fol. 11 sa 18 tas-sentenza). L-Ewwel Qorti kompliet tirraġuna hekk (ara fol. 19):

> *"Tqum il-kwistjoni l-oħra ta' min kellu jinforma lir-rikorrenti b'dawn il-proċeduri. Ir-risposta hija naturali, minn kull min huwa aġent tal-Istat. Dan l-obbligu jaqa' kemm fuq il-prosekuzzjoni u anke l-Avukat Ġenerali. Finalment huma f'dawn il-proċeduri dawn huma l-istituzzjonijiet li qiegħdin jirrapresantaw lill-kollettivita' u propju għalhekk artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali fuq imsemmi. Dan l-artikolu jindirizza kemm lill-prosekuzzjoni u anke lill-Qorti. Il-Qorti ukoll kellha tordna notifika lill-parti offiża b'dawn il-proċeduri, għalhiex kienet konsapevoli bl- interess ovvju li kellha il-parte offiża. Il-minimu li seta' sar hu, li meta ordnat li r-rikors għall-ħelsien mill-arrest innotifikatu ukoll lir-rikorrenti u mhux lill-Avukat Ġenerali biss.*
>
> *Iżda bil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qed tindirizza l-ilmenti tagħha kontra l-aġir tal-intimati u mhux tattakka xi parti tal-liġi per se'. Għal dan il-għan, id-Direttur tal-Qrati ma hux parti għal dawn il-proċeduri biex ikun jista' jwieġeb għal għelt amministrattiv u l-Avukat Ġenerali jirrapresenta lill-Istat u lill-kollettivita' fi proċeduri ta' natura kriminali.*
>
> *Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-Avukat Ġenerali, għalkemm għamel sewwa li wieġeb kif wieġeb fir-risposta tiegħu, kien ukoll dmiru, mhux biss li jgħid li r- rikorrenti kellha tinstema' iżda li ukoll* ***jinsisti*** *li għandha tinstema', ħaġa li ma għamilx fis-seduta li tħalliet għas-smiegħ. Talinqas ma hemm ebda verbal fl-atti fejn jirrisulta li nsista, li qabel ma il-Qorti tiddeċiedi r-rikors, tisma' lir-rikorrenti dan anke in mankanza tal-fatt, li l-Qorti ma għamiltix il-mistoqsija lill- prosekuzzjoni kif jiddetta l-artikolu 574A(4) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk f'dan ir-rigward l-Avukat Ġenerali naqas".*

12. Hu skorrett l-Avukat Ġenerali fl-argument tiegħu li l-Ewwel Qorti injorat għalkollox l-eċċezzjoni fil-ħames paragrafu tat-tweġiba. L-Ewwel Qorti rraġunat li l-Avukat Ġenerali kellu d-dmir li jieħu ħsieb jinnotifika lil Farrugia bir-rikors tal-imputat għall-ħarsien mill-arrest, u għalhekk kienet qiegħda twarrab bħala mhux ġustifikata l-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontradittur. Dan irrispettivament mill-mod kif issir tali

notifika, ċjoè jekk hux tramitè r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Kriminal) jew xi mezz ieħor.

13. L-Avukat Ġenerali m'appellax minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni japplikaw ukoll għall-attriċi fir-rigward ta' dak li sar quddiem il-Qorti Kriminali u li wassal biex l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest bid-digriet li ngħata fit-8 ta' Novembru 2019. Wara li għamlet konsiderazzjonijiet, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li:

> *"Kif aċċennat aktar 'l fuq, id-diversi liġijiet u regolamenti ewropew jisħqu li f'sitwazzjoni simili r-rikorrenti kellha kull dritt li tkun infurmata b'dak li kien għaddej. Korollarju għal dan huwa l-prinċipju l-ieħor ta' parit ta' armi u ċioe' 'equality of arms'. Ladarba r-rikorrenti ġiet ammessa biex biex fil-kwalita' tagħha ta' parti offiża tipparteċipa fil-proċeduri, sa fejn jirrigwarda dak li ġara, hi sabet lilha nnifisha f'posizzjoni żvantaġġata meta ċċaħdet milli issemma leħinha u sar smigħ minn wara darha f'materja li tinteressaha direttament u meta kienet ukoll munita mil-liġi bid-dritt proċedurali kollha".*

14. Dan minkejja li min-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat l-attriċi jirriżulta li l-pretensjoni tagħha kienet li qabel is-seduta tat-8 ta' Novembru 2019, l-Avukat Ġenerali kellu jikkomunika magħha u jgħarrafha bis-smigħ sabiex b'hekk fi kliemha, *"43(a).... mill-inqas tinforma lill-avukat Ġenerali bl-osservazzjonijiet tagħha u titlob li jittesqu xhieda relattivi, bil-gravita' tal-każ u anke bil-periklu li kienet tinstab fih"*. Minn qari ta' dik in-nota ta' sottomissjonijiet hu evidenti li l-attriċi ma kinitx qiegħda tippretendi li għandha jedd li tieħu sehem attiv fis-seduta li fiha kien ikkonsidrat ir-rikors tal-imputat għall-ħelsin mill-arrest. Tant hu hekk li f'paragrafu 42 tal-istess

nota argumentat li f'seduta minnhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-preżenza tad-difensuri tagħha, l-imputat għamel l-istess talba u *"42.... din it-talba ġiet miċħuda ukoll, għalkemm legalment ma kellhomx locus standi*[1] *sabiex iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom"*. Fil-fatt mill-proċess kriminali jirriżulta li fl-14 ta' Ottubru 2019 l-imputat ippreżenta rikors li bih talab il-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija. Ma jirriżultax li l-attriċi għamlet xi sottomissjonijiet b'referenza għal dik it-talba.

15. Madankollu, dik hi materja magħluqa u f'dan l-istadju mhux possibbli li jsir stħarriġ minn din il-Qorti dwar jekk b'dak li sar wara r-rikors li ppreżenta l-intimat għall-ħelsien mill-arrest, inkluż bid-digriet li bih l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, ġewx determinati drittijiet ċivili tal-attriċi.

16. Fil-mertu dwar l-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur, ma jistax jippretendi li l-attriċi kellha toqgħod tivverifika l-atti għaliex wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Mala) bħala Qorti Istruttorja bagħtithom lura lill-Avukat Ġenerali, forsi l-imputat kien ser jippreżenta rikors fil-Qorti Kriminali għall-ħelsien mill-arrest. Milli fehmet din il-Qorti, lanqas l-ispettur li kien qiegħed jidher fil-kumpilazzjoni ma kien infurmat li

[1] L-attriċi qiegħda tirreferi għad-difensuri li qegħdin jassistuha.

l-imputat ippreżenta rikors fil-Qorti Kriminali biex jingħata l-ħelsien mill-arrest.

17. Ma jirriżultax li l-liġi timponi fuq l-Avukat Ġenerali xi obbligu li jinnotifika lill-*parte civile* bir-rikors għall-ħelsien mill-arrest. Li l-attriċi kienet qiegħda tieħu sehem fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, kien jirriżulta mill-atti u ċertament li kien fatt magħruf għall-Avukat Ġenerali. Kien ukoll ikun għaqli li fiż-żmien limitat li kellu l-Avukat Ġenerali, jikkomunika mal-attriċi jew id-difensur tagħha sabiex jara għandhiex xi kummenti rilevanti għall-oppożizzjoni li kien ser jirreġistra għat-talba. F'dan ir-rigward ċertament li l-attriċi tgħin setgħet u mhux tfixkel ġaladarba l-Avukat Ġenerali kien qiegħed jopponi t-talba tal-imputat. Inoltre, seta' jressaqha bħala xhud sabiex tagħti spjegazzjoni lill-Qorti Kriminali dwar il-biża' li għandha jekk l-imputat jingħata l-ħelsien mill-arrest. Iktar u iktar meta tikkonsidra li fir-rikors li bih l-imputat talab il-ħelsien mill-arrest iddikjara li kellu appartament fit-triq Wied Ħal Balzan fejn jista' jmur jgħix, f'Birkirkara u ċjoè l-istess indirizz li ta meta sarlu l-eżami fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2019. Skont id-digriet tal-Qorti Kriminali, l-imputat kellu jgħix f'dak l-indirizz. Il-provi juru li f'dak iż-żmien l-attriċi kienet qiegħda tgħix f'Dar Merħba Bik, Balzan li hi ftit minuti 'l bogħod bil-mixi minn Triq Wied Hal Balzan fejn għandu r-residenza l-imputat.

18. Hu minnu wkoll li skont l-Artikolu 580(3) tal-Kodiċi Kriminali, fis-smigħ ta' rikors għall-ħelsien mill-arrest li jkun oppost mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti Kriminali għandha *"tisma' lill-arrestat u lill-Avukat Ġenerali, u tordna li dawn jiġu innotifikati b'kopja tad-digriet"*. Il-*parte civile* ma tissemmhiex.

19. Madankollu, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-Artikolu 39 u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kienu japplikaw f'dan il-każ fil-konfront ukoll tal-attriċi, ukoll fl-istadju meta l-imputat ippreżenta rikors fil-Qorti Kriminali u talab il-ħelsien mill-arrest. Dik il-parti tad-deċiżjoni ma ġietx appellata u għalhekk hi finali. Fil-fatt l-Avukat Ġenerali mhuwiex jikkontesta l-fatt li l-attriċi kellha tkun infurmata bir-rikors tal-4 ta' Novembru 2023 u bid-data tas-seduta. Però qiegħed isostni li l-obbligu kien fuq il-Qorti.

20. L-Avukat Ġenerali għandu d-dmir li jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali. Dak hu d-dmir prinċipali tiegħu. Ovvjament dan ma jagħmlux fl-interess personali tiegħu, iżda bħala aġent tal-Istat. Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li f'dak l-istadju, ladarba kien l-Avukat Ġenerali li qiegħed jopponi t-talba għall-ħelsien mill-arrest, kien leġittimu kontradittur u kellu jieħu ħsieb li l-attriċi tiġi notifikata bir-rikors u d-data tas-smigħ tar-rikors.

21. Inoltre, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Avukat Ġenerali, l-Art. 6(2) tal-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità (Kap. 539)[2] kien japplika fiż-żmien rilevanti. Dispożizzjoni li tagħti jedd ta' notifika lill-vittma wara li l-imputat ikun ingħata r-rilaxx mid-detenzjoni. Dik l-istess dispożizzjoni tistabbilixxi l-jedd ta' informazzjoni għall-vittma li hi differenti mill-jedd ta' parteċipazzjoni fil-proċedura għall-ħelsien mill-arrest. Hawn ukoll l-Avukat Ġenerali kellu jieħu ħsieb minnufih jinforma lill-attriċi bid-digriet, irrispettivament mill-mod kif jgħarrafha, ġaladarba kien direttament involut fil-proċess li wassal għall-ħruġ tad-digriet li bih l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest. L-attriċi spjegat kif saret taf b'dak li ġara mingħand l-Ispettur Elton Taliana, u jirriżulta li kien infurmat minn kollegi tiegħu fl-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara wara li l-imputat beda jmur jiffirma fl-għassa bħala waħda mill-kondizzjonijiet imposta fuqu mill-Qorti Kriminali.

22. Għaldaqstant, tiċħad it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali.

23. It-tielet aggravju jitratta dwar il-kumpens ta' €3,000 li l-Ewwel Qorti ordnat li għandu jħallas l-Avukat Ġenerali bħala kumpens non-pekunarju lill-attriċi. Argumenta li mhux ċar xi preġudizzju sofriet l-attriċi bil-fatt li ma kinitx infurmata li l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, u x'kienet tagħmel differenti kieku kienet infurmata u tħalliet tagħmel sottomissjonijiet.

---

[2] *"(2) Vittma għandha tingħata l-opportunità li tiġi notifikata, mingħajr dewmien mhux meħtieġ, meta l-persuna miżmuma f'kustodja, mixlija jew ikkundannata għal reati kriminali li jikkonċernaw dik il-vittma tinħeles jew tkun ħarbet mid-detenzjoni,u dwar kwalunkwe miżura relevanti maħruġa għall-protezzjoni tagħha f'każ ta' rilaxx jew ħarba tal-awtur tal-ksur".*

24. Fl-appell inċidentali l-attriċi ilmentat li kumpens ta' €3,000 hu baxx wisq. Qalet li fl-affidavit spjegat l-impatt psikoloġiku li sofriet minħabba l-mod kif ġiet infurmata li l-imputat ingħat l-ħelsien mill-arrest, u l-kondizzjonijiet ma kinux ta' protezzjoni iżda ħolqu iktar biża' minħabba l-indirizz indikat mill-imputat. Fatt li kellu impatt ukoll fuq uliedha, kif konfermat mit-terapisti li xehdu. Tant hu hekk li għadhom jieħdu terapija sal-lum.

25. Mill-provi jirriżulta li wara d-digriet tat-8 ta' Novembru 2019 li bih l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-Ispettur Elton Taliana għarraf lill-attriċi bid-digriet. L-Ispettur xehed li kien sar jaf minn kollegi tiegħu fl-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara għaliex l-imputat kien beda jmur jiffirma bħala waħda mill-kondizzjonijiet li imponiet il-Qorti Kriminali. Fil-fatt wara li fil-11 ta' Novembru 2019 l-imputat kien rilaxxat mid-detenzjoni wara li ta l-garanzija li imponiet il-Qorti, fid-19 ta' Novembru 2019 l-attriċi fetħet din il-kawża.

26. M'hemmx dubju li l-Ewwel Qorti għandha ċertu diskrezzjoni meta tiġi biex tiddetermina l-kumpens non-pekunarju li l-Istat għandu jħallas lill-vittma li tkun sofriet ksur f'jedd fundamentali b'riżultat tal-aġir jew nuqqas tal-Istat. F'dan il-każ din il-Qorti ma tikkonsidrax li €3,000 hi somma eżaġerata meta tikkonsidra li l-Ewwel Qorti stabbiliet li seħħ nuqqas fil-

kors tal-proċess ġudizzjarju, li l-Qorti tifhem li kellu wkoll impatt fuq l-attriċi għaliex il-vuċi tagħha ma nstemgħetx f'kwistjoni li minnha nnifisha hi delikata u sensittiva, iktar u iktar meta rriżulta li l-imputat mar jirrisjedi viċin fejn kienet qiegħda toqgħod ma' wliedha. Min-naħa l-oħra però mhijiex ġustifikata t-talba tal-attriċi li l-likwidazzjoni kellha tkun iktar minn €3,000 meta tikkonsidra li m'hemm l-ebda garanzija li kieku nstemgħet, il-Qorti Kriminali kienet ser tiċħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest jew iżżid xi kondizzjonijiet iktar sinifikanti minn dawk li imponiet fid-digriet tat-8 ta' Diċembru 2019. Dan apparti l-kondizzjonijiet li imponiet fuqu l-Qorti Kriminali li m'hemmx provi li nkisru, u li *inter alia* jinkludu:

> *"1. Li ma jkellimx ix-xhieda tal-prosekuzzjoni la personalment lanqas tramite terzi u dan b'mod partikolari fil-konfront tax-xhieda ta' Chris Vassallo u Sharon Farrugia Emanuel Abela. Il-Qorti tihem li bejn l-akkużat u Sharon Farrugia hemm wild komuni u għalhekk il-komuniki li jitrattaw l-imġieba tagħhom mat-tifla minuri għandha issir tramite l-avukati rispettivi tagħhom.*
>
> ........
>
> *7. Li ma javviċinax l-indirizz ta' fejn tirrisjedi Sharon Farrugia flimkien ma' bintha tul dawn il-proċeduri kollha"*.

27. Għaldaqstant tiċħad it-tielet aggravju tal-Avukat Ġenerali u l-appell inċidentali tal-attriċi.

28. Ngħaddu issa biex nikkonsidraw l-ewwel żewġ aggravji tal-appell inċidentali tal-attriċi.

29. Fl-ewwel aggravju l-attriċi tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li biha l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ilment bażat fuq Art. 3 tal-Konvenzjoni. L-attriċi ilmentat li mid-depożizzjoni tagħha rriżulta kemm kienet persuna vulnerabbli, li qiegħda tgħix f'biża', u għalkemm kellha favur tagħha ordni ta' protezzjoni maħruġa mill-Qorti tal-Familja, l-imputat xorta baqa' jippersegiwtha u jhedded sakemm f'Settembru 2019 kien arrestat u tressaq il-qorti. L-attriċi kompliet li n-nuqqas tal-Avukat Ġenerali li jżommha nfurmata b'dak li kien għaddej, nissel biża' kbira fiha u f'dan ir-rigward għamlet referenza għal dak li xehdu Elaine Pavia, Victoria Spagnol u Ruth Sant Cortis. F'dan ir-rigward l-attriċi għamlet enfażi fuq il-biża' kbira li kellha minħabba:

i. Il-mod kif ġiet infurmata li r-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest u li kien qiegħed ftit il-passi bogħod minnha;

ii. Li qabel l-għoti tal-ħelsien mill-arrest ma sarlux test psikoloġiku jew psikjatriku u lanqas ġie ordnat jieħu trattament sabiex jindirizza l-ossessjoni tiegħu;

iii. Li ma ġietx esplorata l-possibilità li jkun hemm sistema ta' rintraċċ elettroniku fuq l-imputat;

30. Kompliet issostni li dan wassal sabiex l-attriċi, u familjari oħra tagħha jieħdu kura psikjatrika u kura psikoloġika sabiex jindirizzaw il-biża' li kienu u għadhom qegħdin iħossu. Semmiet ukoll li n-nuqqas tal-Avukat Ġenerali seta' wkoll ipoġġi lil dak li kien żewġha, Christopher Vassallo, f'periklu kbir.

31. L-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

*"Dawn huma żewġ artikoli li jħarsu lill-individwu minn tortura, trattament degradanti u inuman.*

*Ma hemm ebda dubbju li dak li għandha quddiemha l-Qorti żgur ma jammontax għall-tortura. Dan l-għemil jippresupponi l-applikazzjoni ta' atti li jwasslu għal uġiegħ intensiv fisiku jew mentali. It-tortura, fiha nnifisha hija ta' natura korporali li kemm litteralment u anke metaforikament tolqot fil-laħam il-ħaj id-dinjita'u inkomulita' fiżika tal-persuna.*

*Il-konvenzjoni ma tipprovdix definizzjoni iżda skont artikolu 1 tal-Karta tad- Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Ġnus Maqgħuda "the term torture means any act by which severe pain or suffering, whether physical or mental, is intentionally inflicted on a person for such purposes as obtaining from him or a third person information or a confession, punishing him for an act he or a third person" (Ara ukoll **Ireland -vs- the United Kingdom 18 ta' Jannar 1978 )**. Minn eżami tal-fatti kif jemerġu fil-kawża, il-Qorti teskludi għal kollox li dan huwa l-każ.*

*Lanqas ma jista' jingħad li din il-Qorti għandha quddiemha trattament inuman. Dan it-trattament ġie definit mill-ECHR: "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch, and caused either actual bodily injury or intense physical and mental suffering. Many instances of inhuman treatment arise in the context of detention, where victims have been subjected to ill-treatment which has been severe, but not of the intensity required to qualify the treatment as torture." ( Emfażi tal-Qorti. Ara **Selçuk and Asker v. Turkey, judgment of 24 April 1998, ECHR 1998-II, p. 19, §78; Dulas v. Turkey, judgment of 30 January 2001, §55; Bilgin v. Turkey, 16 November 2000, §10**). Il-Qorti wara li qieset il-provi ma tistax tasal għal konklużjoni li quddiemha għandha trattament inuman. Il-Qorti tirrkonoxxi, li kien nuqqas il-mod kif ġiet amministrata l-vertenza u li tassew wassal għall-preokupazzjoni ġustifikata tar-rikorrenti, iżda bl-*

*ebda tiġbid tal-immaginazzjoni ma jista' jingħad li dak li ġara kien pre-meditat.*

*Minn naħa l-oħra trattament degradanti ġie definit mill-ECHR bħala "is that which is said to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority, capable of humiliating and debasing them. This has also been described as involving treatment such would lead to breaking down the physical or moral resistance of the victim, or as driving the victim to act against his will or conscience." (Ara fost oħrajn* ***Tekin vs-Turkey judgement of 9 June 1998, ECHR 1998-IV, §52****). Għal darba oħra, il-Qorti ma għandha ebda dubbju li r- rilaxx tal-intimat Tawfik ħoloq stress u tensjoni kbira fir-rikorrenti. Iżda dan ma hux biżżejjed biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba l-għemil tal-Qorti u tal-Avukat Ġenerali kien* ***maħsub*** *biex jumilja jew ibaxxi lir-rikorrenti. Li jagħmel għemil degradanti mhux biss kif iħossu l-individwu li jilmenta, iżda li dak l-għemil kien propju maħsub biex joħloq dawk l-effetti fl-individwu. Il-Qorti ma għandha xejn fl-atti li jindika dan".*

32. Din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunament tal-Ewwel Qorti, u fl-appell inċidentali ma ntqal xejn ġdid li jista' jikkonvinċiha mod ieħor. In-nuqqas tal-Avukat Ġenerali li jgħarraf lill-attriċi li l-imputat kien ippreżenta rikors għall-ħelsien tal-arrest u li ma ressaqhiex bħala xhud, ma jissarrafx fi trattament inuman u degradanti, minkejja li l-provi juru li fiż-żmien rilevanti l-attriċi kienet fi stat vulnerabbli. Dan ma kienx aġir intenzjonat tal-Avukat Ġenerali, li wara kollox oppona bis-sħiħ għat-talba tal-imputat biex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Dan apparti li l-Qorti Kriminali imponiet numru ta' kundizzjonijiet fuq l-imputat li wkoll iqisu l-pożizzjoni tal-attriċi u wliedha, u ma jirriżultax li wara d-digriet sar xi ilment li nkisru.

33. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali.

34. Fit-tieni aggravju l-attriċi bażikament irrepetiet l-isess affarijiet li qalet b'referenza għall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, però f'dan il-każ l-ilment hu bażat fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

35. L-attriċi qalet *inter alia*:

> *"39. A skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti spjegat fid-dettal aktar 'il fuq kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, kif l-awtoritajiet, kemm l-Avukat Ġenerali u l-Qorti Kriminali, naqsu milli jipprovdu protezzjoni lill-esponenti u l-familjari tagħha f'ċirkostanzi meta r-riskji li inkorriet fihom l-esponenti u l-familjari tagħha kienu manifesti u prevedibbli mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-esponenti li tat quddiem il-Qorti Kriminali.*
>
> *40. L-esponenti tirrileva li protezzjoni mhux limitata biss mal-fatt li terġa' tinħareġ ordnita' protezzjoni, iżda li jittieħdu miżuri neċessarji li jipproteġu lill-vittmi kollha (l-esponenti, il-familjari tagħha u l-ex raġel tagħha), bħal kif diġa' intqal aktar 'il fuq, li jsir assessjar psikoloġiku/psikjatriku tal-imputat; li jiġi aċċertat li l-indirizz li pprovda l-imputat mhuwiex fil-viċinanzi tal-esponenti; li jkun hemm sistema ta' rintraċċ tal-imputat; u li l-vittma u l-familjari tagħha jiġu informati u kkonsultati war talba u/jew deċiżjoni ta' ħelsien mill-arrest".*

36. L-Ewwel Qorti rraġunat:

> *"Artikolu 8 tal-Konvenzjoni*
>
> *Dan l-artikolu jiddisponi is-segwenti:*
>
> > *1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
> >
> > *(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl- interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.*
>
> *Biex ikun hemm ksur ta' dan id-dritt fundamentali, irid l-ewwel ikun hemm indħil fil-ħajja privata jew tal-familja, tad-dar u korrispondenza. Minn dak li għandha quddiemha din il-Qorti ma hemm xejn minn dan. Il-Qorti f'ebda ħin ma tat xi deċiżjoni li tirrigwarda xi drittijiet li għandha*

*r-rikorrenti f'xi waħda mill-istanzi elenkati fl-ewwel sub-artikolu inkwistjoni. Trid issir distinzjoni bejn l-effetti emottivi li ħasset ir-rikorrenti bid-deċiżjoni nkwistjoni u l-effetti sostantivi ta' dik id-deċiżjoni fuq id-drittijiet ċivili tagħha inkwantu fil-każ odjern jirrigwardaw il- familja u d-domiċilju.*

*Il-Qorti Kriminali, ma tat ebda deċiżjoni li jolqtu dawn id-drittijiet. Il-biżgħa waħedha, li l-intimat Tawfik kien ħieles jiġri barra ma jammonta qatt għal dan l- indħil u interferenza kif irid l-artikolu 8. Lanqas ma l-Qorti effettwat l-ordni ta' protezzjoni għaliex dan għadu hemm. Ara li kieku l-Qorti Kriminali effetwat din l-ordni mingħajr ma semgħet lir-rikorrenti ad insaputa tar-rikorrenti. F'dak il-każ wieħed seta' jikkontempla xi ksur ta' dan l-artikolu. Iżda dan mhux il-każ. Ir- rikorrenti ma tistax tippretendi li l-intimat Tawfik ser jibqa' in perpetwita' maqful, ghaliex ghalkemm l-akkużi li qed ikun addebitat bihom huma serji, lanqas ma huma tali li jiggarantulha li qatt ma hu ser ikun ħieles".*

37. M'hemmx dubju li l-Istat għandu responsabbiltà li jipproteġi individwi minn vjolenza nklużi dawk li jistgħu jkunu soġġetti għall-vjolenza domestika. Hu fatt li l-vjolenza hi fiha nnifisha theddida għall-integrità tal-persuna u d-dritt għall-ħajja privata. Fil-każ in eżami l-Avukat Ġenerali oġġezzjona li l-imputat jingħata l-ħelsien mill-arrest u ta raġunijiet għalfejn. X'intqal waqt is-sottomissjonijet li saru quddiem il-Qorti Kriminali mhux magħruf għaliex fl-atti m'hemmx traskrizzjoni. Però mit-tweġiba li ppreżenta l-Avukat Ġenerali (6 ta' Novembru 2019) b'referenza għar-rikors tal-imputat għall-ħelsien mill-arrest, ma jistax jingħad li ma kienx qiegħed jipproteġi wkoll l-interessi tal-attriċi. Seta' sar iktar? Iva, iżda l-fatt li l-Avukat Ġenerali ma kkomunikax direttament mal-attriċi jew id-difensur tagħha minn meta l-imputat ippreżenta r-rikors u wara d-digriet tat-8 ta' Novembru 2019, ma jilħaqx il-livell meħtieġ biex jinstab ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet

imposti fuq l-imputat, kienet il-Qorti Kriminali li ddeċidiet x'kellhom ikunu l-kundizzjonijiet, u f'din il-kawża mhuwiex jiġi mistħarreġ l-aġir tal-Qorti.

38. Fiċ-ċirkostanzi tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appell inċidentali.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali bl-ispejjeż kontrih u tiċħad l-appell inċidentali tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm